FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 4 TA' OTTUBRU, 1996

Avv. Nru. 376/96

The Performing Right Society Limited

vs

Maria Micallef

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Awissu, 1996, fejn intalab il-hlas ta' "royalty" fl-ammont ta' Ghoxrin Lira Maltija (Lm20.00), kif ukoll taxxa fuq il-Valur mizjud fuq l-istess "royalty" fl-ammont ta' Tlett Liri Maltin (Lm3.00), dovut bil-quddiem import tal-Fattura datata 3 ta' April, 1996, Dok.A, in konnessjoni mal-licenzja numru 9786, Dok.B, rilaxxjata mis-socjeta attrici a favur tal-konvenuta rigwardanti l-istabbiliment Treasury Way Boutique, 24 Tarxien Road, Paola, Pla04, ghall-perijodu mis-6 ta' April, 1996 sal-5 ta' April, 1997;

Bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-avviz komprizi dawk tal-ittra legali tal-1 ta' Gunju, 1996, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma ppresentatx risposta fir-rigward, u lanqas ma dehret;

Semgha x-xhieda tal-P.L. Jonathan DeMaria;

Ra d-dokumenti ezebiti u ha in kunsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra li mix-xhieda mismugha u mid-dokumenti ezebiti jirrizulta soddisfacentement pruvat li l-ammont in kwistjoni huwa dovut kif premess fl-avviz;

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Tlieta u ghoxrin Lira Maltija, kif fuq inghad; kif ukoll l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mis-6 ta' April, 1996 sal-hlas effettiv;

L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk tal-ittra legali tal-1 ta' Gunju, 1996, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.